# Karmenu Mallia (1928 - 2021)

minn Norman Borg



Karmenu Mallia, jew aħjar is-***Sir Mallia*** kif aktar kien magħruf mas-Saraċini, twieled fl-4 ta' Marzu, 1928 f'Ħ'Attard minn ġenituri Saraċini, Gianni Mallia u Carmela, xebba Mizzi. Huwa ħalla din id-dinja fl-10 ta' Jannar li għadda (2021), ftit ġimgħat biss qabel ma għalaq it-93 sena.

Karmenu Mallia ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' Ħal Lija u wara, fi żmien il-gwerra, f'dik ta' Birkirkara. Bħala skola sekondarja attenda l-Government Technical School tal-Imrieħel u fl-1949 sar Handicraft Teacher. Wara daħal fil-Kulleġġ tal-Għalliema St. Michael's Training College u fl-1952 beda jgħallem fl-Iskola Primarja ta' Ħ'Attard fejn dam 18-il sena.

Fis-sena 1970 beda jgħallem ir-Reliġjon fl-Istitut Tekniku ta' Raħal Ġdid u wara xi sentejn sar għalliem tar-Reliġion fl-Iskejjel Sekondarji tal-Gvern fejn dam 19-il sena sħaħ, sal-1989 meta temm il-karriera tiegħu bħala għalliem fil-Junior Lyceum tal-Imrieħel.

Tul il-karriera twila tiegħu bħala edukatur, Karmenu Mallia mhux biss għallem lit-tfal iżda hu stess kompla jistudja, tant li fl-1977 huwa ggradwa mill-Università ta' Malta u kiseb S.Th.Dip. biex imbagħad fl-1983 mill-Fakultà tat-Teoloġija reġa' ggradwa bħala B.A. (Studji tar-Reliġjon).

Fl-iskejjel sekondarji li għallem fihom Karmenu Mallia s-suġġett tiegħu dejjem kien ir-Reliġjon. Din l-għażla tiegħu ma kinitx b'xi kumbinazzjoni iżda frott it-trobbija u ż-żgħożija tiegħu, li sa minn tfulitu dejjem kellu bażi soda fis-suġġett, tant li għal ħafna snin huwa kien ukoll membru attiv tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. It-tfal subien ta' Ħ'Attard ta' tfuliti żgur li jiftakru sew lil Karmenu Mallia bħala għalliem tad-duttrina fil-mużew tas-subien, li dik il-ħabta kien hawn fi Triq il-Kbira.

Huwa kien attiv ħafna bħala soċju tal-Mużew u serju f'dak kollu li jgħamel. Fl-istess żmien huwa kien ukoll għalliem fl-iskola primarja ta' Ħ'Attard. Jekk għadni niftakar sewwa lili kien jgħallimni fis-Second ta' dak iż-żmien, illum xi Year 4. Fiż-żmien li kien jgħallem Ħ'Attard, minkejja li n-numru ta' tfal li jattendu l-iskola ma kienx xi wieħed kbir, kien hawn id-drawwa li fil-ġranet tal-Milied l-għalliema jorganizzaw kunċert bis-sehem tat-tfal b'reċti u kant adattati għal dawk iż-żminijiet.

Karmenu Mallia kien ikun l-organizzatur prinċipali u b'paċenzja u serjetà kbira, flimkien ma' xi għalliema oħra, kien jipprepara lit-tfal tal-kor kif ukoll lil dawk li jkunu se jirreċtaw biex ir-riżultat finali dejjem kien ikun suċċess. It-tfal Saraċini ta' dak iż-żmien żgur li għadhom jiftakru b'nostalġija dawn il-kunċerti tal-Milied ta' tfulitna.

Karmenu Mallia kien dilettant tal-mużika wkoll u fi tfuliti niftakru li mhux l-ewwel

darba f'xi okkażjoni kien idoqq l-orgni tal-knisja. Fiż-żmien li kien jgħallem fl-iskola ta' Ħ'Attard kien dejjem jipprova jressaq lit-tfal għat-tagħlim tal-mużika. Niftakar li kien hemm żmien li kien irnexxielu jgħaqqad 'Percussion Band' minn fost it-tfal tal-Iskola Primarja. Din il-banda kienet tikkonsisti f'numru ta' strumenti bħal tambur, trijanglu, platti, ċimblu eċċ. It-tfal kienu jieħdu pjaċir meta jdoqqu iżda jidher li l-interess għal xi raġuni jew oħra malajr intilef.

Fost affarijiet oħra, bħala passatemp Karmenu Mallia kien dilettant tal-kitba fosthom fuq l-istorja ta' raħal twelidu Ħ'Attard. L-ewwel kitba uffiċjali tiegħu kienet fl-1975 meta l-parroċċa kienet qed tiċċelebra r-raba' ċentinarju mit-twaqqif tagħha. Fil-ktejjeb "Ħ'Attard – 400 sena Parroċċa" Karmenu Mallia kien ġabar għadd ta' tagħrif u tifkiriet oħra fuq il-kappillani tal-parroċċa sa mit-twaqqif tagħha, benefatturi u ġrajjiet oħra tal-parroċċa. Dan il-ktejjeb kien intlaqa' tajjeb ħafna mill-parruċċani ta' Ħ'Attard għax sa dak iż-żmien ħadd ma kien għadu ġabar fid-dettal l-istorja tal-parroċċa jew tar-raħal.

Fl-1994 meta s-Soċjetà La Stella Levantina kienet se tiċċelebra l-mitt sena mit-twaqqif tagħha, Karmenu Mallia kien ġie mitlub biex jiġbor fid-dettall l-istorja tas-Soċjetà matul l-ewwel mitt sena tagħha. Fil-ktieb "Ġrajjiet il-Każin *La Stella Levantina* – storja ta' mitt sena 1894 – 1994" Karmenu Mallia ġabar fid-dettall l-istorja tas-Soċjetà billi fittex fid-dokumenti antiki, intervista numru ta' Saraċini xjuħ, fosthom lill-istess missieru li dak iż-żmien kellu 'l fuq minn 92 sena, biex irnexxielu jiġbor fid-dettall l-istorja tal-każin sa mit-twaqqif tiegħu.

Bħal ma kiteb l-istess awtur fid-daħla ta' dan il-ktieb, hu qatt ma kien membru fis-Soċjetà La Stella Levantina. X'aktarx li r-raġuni prinċipali għal dan kien il-fatt li hu għal ħafna snin kien membru tas-Soċjetà tal-Museum. Iżda dan ma setax jitqies bħala xi nuqqas min-naħa tiegħu għaliex fuq kollox hu kien bin is-Saraċini attivi fl-ewwel snin tas-Soċjetà. Hekk pereżempju nsibu li fl-ewwel ritratt tal-kumitat li jġib id-data tat-12 ta' Novembru, 1899, missier ommu, Annunzjato (Lonzu) Mizzi kien l-kaxxier tas-soċjetà.

Barra minn hekk, sa mill-1915 u aktar tard fl-1925 u xi snin wara, missieru Ġianni kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tas-Soċjetà. Fuq kollox, bħal ma stqarr l-istess awtur fid-daħla tal-ktieb *'Ġrajjet il-Każin La Stella Levantina'* kull ħaġa li tiġri fir-raħal ta' Ħ'Attard lilu kienet tinteressah u tinteressah bil-kbir. Din id-dikjarazzjoni s-Saraċini bħalu jafuha lkoll.

Fl-2007 il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard ħass il-ħtieġa li l-istorja tar-raħal għandha tinġabar fi ktieb dettaljat għas-sodisfazzjon tar-residenti, sew dawk antiki kif ukoll dawk ġodda. Naturalment l-għażla tal-awtur waqgħet fuq l-Istudjuż Karmenu Mallia li rnexxielu joħroġ biċċa xogħol tassew tajba, dettaljata u interessanti. Fil-mitejn paġna tal-ktieb *"Ħ'Attard – il-Parroċċa, Ġrajjieta u Niesha"* Karmenu Mallia ppreżentalna stampa ċara minn kull aspett tar-raħal tagħna u dak kollu li seħħ fih matul is-snin, jiġifieri fi kważi 450 sena ta' storja.

Barra dawn il-pubblikazzjonijiet li għadni kemm semmejt, Karmenu Mallia kien ukoll l-awtur ta' diversi artikoli, dwar Ħ'Attard jew l-istorja tiegħu, li ġew ippubblikati f'okkażjonijiet differenti, bħal fil-fuljett tal-Kunsill Lokali, fil-fuljett tal-Parroċċa għal żmien il-festa eċċ. Barra minn hekk, sa ftit tas-snin ilu, huwa kien kontributur regolari fil-ktieb li s-Soċjetà La Stella Levantina toħroġ kull sena fil-ġranet ta' festa.

Ma' dawn ix-xogħlijiet ta' kitba ta' Karmenu Mallia wieħed jista' jżid li hu kien l-awtur tal-parti storika taċ-ċelebrazzjoni awdjovisiva li saret fl-10 t'Awwissu, 2000 biex

jiġu mfakkra l-425 sena Parroċċa, 126 sena tal-Istatwa ta' Santa Marija fostna u 50 sena mid-Domma tal-Assunta.

Veru li Karmenu Mallia ħalliena ftit tax-xhur ilu, iżda warajh ħalla diversi kitbiet li għandhom ikunu ta' interess ġenerali għal dawk is-Saraċini kollha li jħobbu lil Ħ'Attard u li l-istorja tiegħu tinteresshom bis-serjetà.

Naħseb li tkun ħaġa sabiħa u xierqa jekk il-Kunsill Lokali jirrikonoxxi b'xi mod dak kollu li għamel Karmenu Mallia għal Ħ'Attard. Bl-istess mod inħoss li anke s-Soċjetà La Stella Levantina għanda tirrikonoxxi lil dan il-bniedem għall ħafna kitbiet tiegħu, speċjalment fejn tidħol is-Soċjetà La Stella Levantina.




